MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' April, 2015

Numru. 425/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Noel Farrugia**

**(ID 0037182(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Noel Farrugia ta' 30 sena, iben Carmelo u Mary Rose nee` Harmsworth, imwieled Pieta` nhar il-15 ta' Dicembru 1981, residenti 12, Triq l-Iskola, Qormi u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0037182(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-6 ta' Gunju 2012 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

1) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fis-6 ta' Gunju 2012 u fis-sena ta' qabel din id-data:

2) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN

292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar is-6 ta' Gunju 2012, gewwa l-Hamrun, waqt li kienu qeghdin fuq bicca xoghol ohra, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga – PS 213 Nicolai Borg u PS 1086 Johann Micallef - bdew josservaw lill-imputat gej u sejjer bil-mixi minn dahla ta' garaxxijiet ghall-qalba tal-Hamrun. PS 213 Nicolai Borg xehed illi huwa beda jara lill-imputat "*jidhol minn dahla ta' garaxx … imur u jerga' jigi u jmur u jerga' jigi*".[1] Hekk kif il-pulizija marru fuqu, l-imputat rema pakkett fl-art. L-istess pulizija marru wkoll fid-dahla tal-garaxx fejn qabel kienu osservaw lill-imputat u taht gebla, fl-art, kien hemm borza b'xi pakketti ohrajn fiha.[2]

Skond ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[3], huwa nghata dokument ghall-analizi, liema dokument kien jikkonsisti f'*Police Evidence Bag* li gewwa fih kien hemm bicca *plastic* trasparenti li kien fiha tlett iqratas tal-

[1] A fol. 13 tal-process.
[2] Ara xhieda ta' PS 213 Nicolai Borg (a fol. 12 *et seq* tal-process) u xhieda ta' PS 1086 Johann Micallef (a fol. 35 *et seq* tal-process).
[3] A fol. 23 *et seq* tal-process.

*plastic* bi trab ta’ lewn kannella u bicca *plastic* vojta u *Police Evidence Bag* li kien fih qartas tal-*plastic* trasparenti bi trab ta’ lewn kannella. Il-qratas kien fihom piz rispettiv ta’ 0.17 grammi, 0.17 grammi, 0.14 grammi u 0.19 grammi. Skond il-konkluzjoni tal-istess espert, imbaghad, fl-estratti mehuda mit-trab ta’ lewn kannella instabet is-sustanza eroina. Il-piz total tat-trab ta’ lewn kannella huwa ta’ 0.67 grammi. Fix-xhieda tieghu, l-espert qal ukoll illi l-kwantita` kienet minima hafna u ghalhekk ma setax jahdem il-purita` medja tal-istess trab ghad-droga eroina.

L-imputat irrilaxxja stqarrija fis-7 ta’ Gunju 2012, wara li nghata s-solita twissija li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jaghmel dan, izda dak li jghid jista’ jingieb bi prova u wara li nghata wkoll id-dritt li jiehu parir legali qabel l-interrogazzjoni tieghu, liema dritt madankollu huwa ghazel li ma jezercitahx.[4] L-imputat ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija.

Fl-istqarrija tieghu[5], l-imputat jghid illi dak iz-zmien, huwa ma kienx qed jahdem u li kien ghadu kif hareg mill-Isptar Monte Karmeli jumejn qabel u li kien ilu hemm madwar tlett gimghat. Nhar it-Tlieta ossia fil-5 ta’ Gunju 2012, hekk kif hareg mill-Isptar, huwa mar jixtri gramma eroina bil-prezz ta’ madwar mitt Euro. Qal illi huwa kien ilu bil-vizzju tal-eroina fuq tlettax-il sena u mistoqsi kemm jixtri eroina, huwa wiegeb “*Qisu daqs gramma kull jumejn u skond xi jkolli flus*”.[6] Mistoqsi ghaliex id-droga kienet maqsuma f’pakketti zghar, l-imputat jghid illi kienet hekk maqsuma biex ma jehodhiex f’salt u jipprova jehodha f’gimgha. Jghid li huwa heba l-eroina taht gebla biex ma jzommhiex fuqu. L-ahhar li ha l-eroina kien fil-jum ta’ qabel, qabel inqabad mill-pulizija. Huwa jghid illi din id-droga kienet ghall-uzu tieghu u nnega li kienet maqsuma f’pakketti biex ibiegh minnha.

---

[4] Ara d-dikjarazzjoni tal-imputat a fol. 17 tal-process.
[5] A fol. 18 *et seq* tal-process.
[6] A fol. 19 tal-process.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri. Fix-xhieda tieghu[7], huwa jghid illi dak iz-zmien kien jorqod barra, kien ghadu kif hareg mill-Isptar Monte Karmeli fejn qatta' madwar tlett xhur u kien qabad ic-*cheque* tar-*relief*. Qal li forsi kellu xi tlett mitt Euro u li dawn kien jaqbadhom fix-xahar. X'hin dahhal ic-*cheque* huwa ddecieda li jitlaq mill-Isptar u peress illi ma sabx residenza, baqa' barra. L-imputat jghid illi huwa xtara gramma u peress illi f'dawk it-tliet xhur li kien gewwa l-Isptar, kien *clean*, huwa qasam id-droga li xtara f'seba' darbiet bejn wiehed u iehor, biex ma tweggghux. Jghid illi xtara gramma shiha bi prezz ta' madwar hamsin Euro u kien huwa stess li qasamha f'seba' darbiet "*biex ma nehodhiex kollha f'salt biex ma twegganix ghidt biex sservini gimgha*".[8] Jghid ukoll illi huwa kien xtara d-droga minn Hal Qormi, ha l-eroina, imbaghad qasamha u heba l-pakketti gewwa dahla tal-garaxxijiet fil-Hamrun. L-imputat spjega illi huwa qasam id-droga f'boroz barra fit-triq, fl-imwarrab. Qal illi dakinhar li gie arrestat huwa kien qieghed il-Hamrun jiehu kafe`, kien sejjer ghall-pakketti tad-droga u marru fuqu l-pulizija. Qal illi meta nqabad "*Kont ghadni kemm hadt, tfajtha hemm hekk u hrigt. Mort niehu kafe u x'hin ergajt kont sejjer lura biex niccaqlaq biex mmur xi mkien ghax kont ddejjaqt hemm hekk gie s-sir*".[9]

In kontro-ezami, l-imputat qal ukoll illi fil-lejl wara li hareg mill-Isptar, huwa raqad gewwa *stage* fejn l-iskola ta' Hal Qormi wara li kien diga` xtara d-droga. Qal illi huwa heba d-droga gewwa l-Hamrun biex ma jzommhiex fuqu, biex ikun *safe* u biex ma jitlifhiex. Huwa qal illi ma riedx jinqabad bid-droga f'hanut, izda bil-lejl zammha fuqu ghaliex juza d-droga qabel jorqod. Qal illi dakinhar huwa mar fil-garaxxijiet tlett darbiet, li kull darba halla bejn ghaxar minuti u kwarta u dan biex jiccekkja li d-droga ma ntmissietx. Qal illi qabel inqabad, huwa kien ha madwar kwart mid-droga li kien xtara u li sakemm inqabad, kien haraq tlett darbiet u cioe` darba qabel raqad, darba x'hin qam u ftit qabel marru fuqu l-pulizija u li kien fadallu ftit biex jghaddi bihom sakemm tispicca l-gimgha. Mistoqsi ghalfejn allura nstablu pakkett fil-pussess tieghu la darba kien heba d-droga, huwa qal illi kien sejjer jerga' jiehu d-droga. Qal illi kellu bzonn il-*foil, lighter* u sigarett biex jabbuza mid-droga u li ghalkemm fuq il-persuna tieghu

---
[7] A fol. 40 *et seq* tal-process.
[8] A fol. 43 tal-process.
[9] A fol. 47 tal-process.

kellu biss il-pakkett bl-eroina, l-*foil* kien mohbi x'imkien iehor ftit il'boghod. Dan ghaliex ma setax jahbi ir-roll tal-*foil* hdejn id-droga, ghaliex kien kbir u jidher. Qal illi fuq il-persuna tieghu, kellu pakkett tas-sigaretti u *lighter.* L-imputat innega li kien ser ibiegh minn din id-droga u qal li din kienet ghalih.

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-imputat qed jigi akkuzat bil-pussess aggravat tad-droga eroina. Dak li qeghda tikkontesta d-difiza m'huwiex il-pussess tal-istess droga, tant illi l-imputat ammetta tali pussess kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll waqt id-deposizzjoni tieghu f'dawn il-proceduri, izda qeghda tikkontesta l-pussess bl-aggravanti. Skond l-imputat, id-droga misjuba fil-pussess tieghu kienet intiza esklussivament ghall-uzu tieghu.

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."* U kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, "*meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati*".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba kien ammont minimu konsistenti fil-fatt f'piz nett totali ta' 0.67 grammi, biss din id-droga kienet maqsuma f'erbat iqratas ta' bejn wiehed u iehor l-istess piz ossia tnejn minnhom bil-piz ta' 0.17 grammi, wiehed b'piz ta' 0.14 grammi u iehor b'piz ta' 0.19 grammi. L-imputat jghid illi fil-jum ta' qabel inqabad, huwa kien xtara borza b'piz ta' gramma eroina u li kien huwa stess li qasamha f'seba' pakketti biex ma jehodhiex f'salt, ma tweggghux u sservih gimgha, ghalkemm fid-deposizzjoni tieghu, f'hin minnhom jghid ukoll illi kien fadallu ftit biex jghaddi bihom sakemm tispicca l-gimgha.

Apparti illi l-Qorti kellha l-opportunita` li tara u tifli l-komportament tal-imputat fuq il-pedana tax-xhieda, ma tistax ma tinnutax in-nuqqas ta' kredibilita` u attendibilita`, kif ukoll l-inkonsistenza fix-xhieda tieghu. Fl-ewwel lok x'sens kien jaghmel li l-imputat jaqsam il-gramma li xtara f'seba' pakketti (u anzi hin minnhom fix-xhieda tieghu, jghid ukoll illi kien ha d-droga qabel qasamha) meta jidher li ma kellu ebda diffikulta` biex jikkalkula u jaqsam id-droga f'ammonti zghar u precizi? In oltre x'sens kien jaghmel li jaqsam din id-droga meta huwa evidenti li l-vizzju tieghu zgur illi ma kienx ser iwasslu biex jikkonsma d-droga mixtrija fuq temp ta' gimgha (kif jghid kemm fl-istqarrija, kif ukoll fid-deposizzjoni tieghu) jew anki sal-ahhar ta' dik il-gimgha (kif jghid f'punt minnhom fix-xhieda tieghu)?

L-imputat jghid illi kien huwa stess li qasam id-droga u li dan ghamlu barra f'xi lok imwarrab, izda minkejja dan, huwa rnexxielu jaqsamha bi precizjoni liema bhala. Mhux biss, izda kien ha wkoll mid-droga, qabel qasamha, li juri li ma kellux ghalfejn jaqsamha biex ma jweggax. Ma kienx jaghmel sens li l-imputat joqghod jaqsam id-droga fi kwantitajiet tant zghar biex, kif jghid hu, ma tweggghux, ghaliex jidher li kien ben kapaci li jikkalkula ammonti zghar b'mod tassew preciz. Dan apparti li m'huwiex minnu dak li jghid fix-xhieda tieghu, illi huwa kien ilu gewwa l-Isptar Monte Karmeli ghal perjodu ta' tlett xhur, ghaliex fl-istqarrija tieghu, *a tempo vergine*, jghid illi kien ilu hemmhekk xi tlett gimghat u ghalhekk lanqas ma huwa minnu dak li jghid fix-xhieda tieghu illi huwa kien ilu *clean* ghal perjodu ta' tlett xhur u li ghalhekk qasamha biex joqghod attent li ma jiehux doza qawwija. In oltre fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi huwa kien jixtri madwar gramma kull jumejn, skond ukoll il-flus li jkollu. Fix-xhieda tieghu, imbaghad jghid illi huwa kien ha d-droga qabel qasamha, qabel raqad, x'hin qam u ftit qabel inqabad mill-pulizija, ghalkemm f'mument minnhom, jghid li kien ha tlett darbiet sakemm inqabad mill-pulizija. L-imputat kien jiehu madwar gramma eroina f'jumejn u bir-rata li kien qed jikkonsma l-eroina li kien xtara, jidher li fil-fatt kien ser jirnexxilu jikkunsmaha f'mhux izjed minn jumejn. Ghalhekk altru illi din ma kinitx ser isservih gimgha, kuntrarjament ghall-gustifikazzjoni li huwa jaghti fl-istqarrija u fid-deposizzjoni tieghu ghat-tqassim ta' droga fi qratas. Lanqas ma kienet ser isservih sal-ahhar tal-gimgha. B'din ir-rata ta' konsum, ma kienx jaghmel sens ghall-imputat li joqghod jaqsam l-eroina f'pakketti zghar, kif jghid hu.

Imbaghad il-Qorti ma tistax ma tinnutax inkonsistenza ohra fid-deposizzjoni tal-imputat. Fix-xhieda tieghu, huwa jghid illi huwa kien ghadu kif ikkonsma d-droga qabel inqabad mill-pulizija u illi fil-hin li twaqqaf, huwa kien sejjer igib id-droga mill-garaxxijiet ghaliex kien iddejjaq u kien ser jiccaqlaq. Fil-fatt huwa jghid li dak il-hin kien ser igib id-droga mill-garaxxijiet, f'zewg okkazzjonijiet fix-xhieda tieghu. Madankollu, f'mument iehor, mistoqsi ghalfejn kellu qartas eroina fuq il-persuna tieghu, l-imputat donnu jinsa li qal li kien ghadu kif ikkonsma d-droga qabel waslu l-pulizija u li dak il-hin kien sejjer igib id-droga minn fejn kien hbieha sabiex jiccaqlaq u konvenjentement jghid li kienet

qeghda fuqu, ghaliex kien sejjer jiehu d-droga dak il-hin u li kien ser jaghmel dan band'ohra minn fejn kienu mohbija l-pakketti. Fil-fehma tal-Qorti, la darba l-imputat, kif jghid hu, kien ghadu kif ikkonsma mid-droga qabel gew il-pulizija u wara kollox la darba d-droga hbieha f'post vicin ferm fejn huwa kien jinsab, ma kellu l-ebda raguni lanqas ghalfejn kellu joqghod jigri b'qartas fuq il-persuna tieghu, hlief ghal raguni ovvja. Dan apparti li huwa stess qal illi dak il-hin li nqabad, huwa kien sejjer igib id-droga. Imbaghad, l-imputat lanqas ma huwa kredibbli jew attendibbli meta jghid illi kien heba d-droga f'post partikolari, izda kien qed jikkonsmaha f'post iehor fejn kien heba wkoll il-*foil*. Fil-fehma tal-Qorti din ma kinitx ghajr verzjoni li hareg biha l-imputat waqt id-deposizzjoni tieghu sabiex jiggustifika l-pussess tal-qartas bl-eroina fuq il-persuna tieghu u sabiex isostni dak li kien ghadu kif qal ossia illi kien sejjer dak il-hin stess jikkonsma l-istess qartas, meta fil-pussess tieghu ma nstab l-ebda *foil* li bih seta' jaghmel dan. Huwa evidenti illi l-unika raguni illi l-imputat heba l-pakketti bid-droga taht gebla hija li kien jaf il-konsegwenzi jekk jinqabad b'erba' pakketti (u wara kollox dan jghidu hu stess fix-xhieda tieghu), kuntrarjament ghall-pakkett wiehed, li facilment wiehed jghid li huwa ghall-uzu personali.

Imbaghad il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll illi fiz-zmien in kwistjoni, l-imputat ma kienx jahdem u kif jghid hu kien jghaddi bil-beneficcji socjali konsistenti f'madwar tlett mitt Euro fix-xahar. Jekk wiehed iqis illi l-imputat kellu vizzju qawwi ta' droga u li kien jikkonsma madwar gramma fuq jumejn (li kien jiddependi wkoll mill-flus li jkollu) u li gramma swietu madwar mitt Euro, kif jghid fl-istqarrija tieghu, l-imputat ma seta' qatt isostni l-vizzju tieghu minghajr ebda introjtu iehor ghajr ghall-beneficcji socjali li kien jippercepixxi. Anke li kieku l-imputat kien jikkonsma gramma f'gimgha, ukoll ma kienx ikun possibbli ghalih li jmantni l-vizzju tieghu bil-beneficcji socjali biss.

Tenut kont illi l-imputat kellu vizzju sostanzjali ta' droga eroina meta ma kellux impjieg, tenut kont ukoll tal-mod kwazi preciz ta' kif id-droga kienet maqsuma f'pakketti u c-cirkostanzi tal-kaz, kif spjegati izjed 'il fuq, flimkien mal-inkonsistenzi u n-nuqqas ta' kredibilita` u attendibilita` tal-verzjoni moghtija

mill-imputat, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu giet ippruvatha fil-grad rikjest mil-ligi.

Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, imbaghad, li tirreferi mhux biss ghas-6 ta' Gunju 2012, izda wkoll ghas-sena ta' qabel din id-data, fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid illi huwa kien ilu bil-vizzju tal-eroina fuq tlettax-il sena u kif diga` inghad, meta mistoqsi kemm jixtri b'mod regolari, huwa jghid li jixtri daqs gramma kull jumejn, skond il-flus li jkollu.  Ghaldaqstant, anke din l-imputazzjoni giet ippruvatha fil-grad rikjest mil-ligi.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati odjerni, liema fedina penali kienet tikkonsisti f'kundanni dwar *inter alia* reati bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku, traffikar u pussess aggravat ta' droga eroina, pussess aggravat tad-droga *methadone* u pussess semplici tal-kokaina u tar-raza tal-*cannabis*.  Din l-ahhar kundanna tirrisali ghal Dicembru tas-sena 2004.

Qieset ukoll illi l-imputat instab fil-pussess ta' erba' pakketti bid-droga eroina b'piz nett totali ta' 0.67 grammi.

Ikkunsidrat ukoll dwar it-tieni imputazzjoni illi sa fejn din tirrigwarda s-6 ta' Gunju 2012 u l-jiem ta' qabel (iz-zmien indikat fl-ewwel imputazzjoni), ir-reat f'din l-imputazzjoni qed jigi meqjus bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.  In oltre in kwantu jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, stante illi l-ammont ta' eroina fil-pussess tal-imputat fiz-zmien indikat fl-istess imputazzjoni kien certament jeccedi z-zewg grammi, l-Qorti qeghda tapplika l-piena stipulata taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.  Qeghda tapplika wkoll

id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9, fir-rigward tal-piena pekunjarja tassattiva applikabbli dwar l-ewwel imputazzjoni u l-piena pekunarja li qeghda tapplika fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17 (f) u (h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghal **piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' disa' mitt Euro (€900)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' tletin Euro (€30), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda b'din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jivverifika din id-data mal-awtoritajiet karcerarji.  Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed fiz-zmien lilu preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti qed tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti ghas-somma ta' mija, disgha u disghin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€199.54), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien sena mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga, esebiti bhala Dok. NB, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument

ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------